**STQARRIJA GĦALL-MEDIA**

L-importanza li nagħrfu l-kisbiet u niċċelebraw id-differenzi kienu l-messaġġi ewlenin li l-Kummissarju tal-NCPE, Renee Laiviera, enfasizzat f'attività organizzata f'Dar l-Ewropa fit-3 ta' Marzu fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Mara. Is-Sra Laiviera qalet li din il-ġurnata hi okkażjoni biex inħarsu 'l quddiem lejn dak il-potenzjal li għadu ma ġiex żviluppat u l-opportunitajiet li qed jistennew lill-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri tan-nisa.

L-Onor. Ministru Dr Helena Dalli appoġġjat din l-attività bil-preżenza tagħha u bid-diskors tal-ftuħ. Hi ħabbret li nhar l-Erbgħa 5 ta' Marzu se jkun qed jitressaq l-ewwel qari tal-Abbozz ta' Liġi li jirratifika l-Konvenzjoni ta' Istanbul dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika.

L-attività tal-lum laqqgħet flimkien il-kandidati nisa għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. L-għan kien li jiġi pprovdut spazju speċifiku li fih il-parteċipanti setgħu isiru jafu iktar lil dawn il-kandidati u li jsiru jafu dwar dak li ispirahom biex waslu li jikkontestaw l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Kienu elenkati wkoll l-oqsma li huma se jkunu qed jindirizzaw fuq livell Ewropew. Il-kandidati enfasizzaw ukoll il-viżjoni tagħhom u d-differenza li huma jixtiequ li jġibu jekk ikunu eletti.

In-nisa huma differenti – dan hu għaliex l-NCPE din is-sena għażlet ukoll li tippreżenta l-esperjenzi ta' seba' nisa. Dawn in-nisa lkoll huma uniċi fil-mod tagħhom bħala individwi, fl-esperjenzi, l-aspirazzjonijiet u l-isfidi, kif ukoll fil-kontribuzzjoni tagħhom fis-soċjetà. Permezz ta' dawn l-istejjer ħarġet l-importanza tal-istrategija dwar l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza. Il-Kummissarju tal-NCPE enfasizzat il-periklu ta' *one-size fits all approach*, anki fil-każ tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi, u kif in-nisa għandhom igawdu d-diversità.

Fost is-suġġetti ewlenin li ġew ittrattati tul is-sessjoni kien hemm kif l-impjiegi jwasslu għal indipendenza finanzjarja; is-sodisfazzjon li wieħed jirċievi meta jinvolvi ruħu f'xogħol volontarju; l-involviment taż-żgħażagħ fl-arena politika; u l-valuri tal-perseveranza u l-kuraġġ.

Meta kienet qed tikkonkludi din l-attività, il-Kummissarju tal-NCPE Renee Laiviera, irreferiet dwar l-importanza li l-*policy makers*, l-imsieħba soċjali, it-trade unions, in-negozji u l-individwi, għandhom bżonn jieqfu u jaħsbu qabel ma jassumu li azzjoni/miżura/*policy* qed tindirizza b'mod effettiv il-bżonnijiet tan-nisa. F'dan il-Jum Internazzjonali tal-Mara, Malta u Għawdex ikunu jistgħu jagħrfu u jiċċelebraw iktar id-diversita' jekk kull individwu jingħata s-setgħa u jkun konxju ta' kemm in-nisa jistgħu jkunu differenti minn xulxin u kif dawn m'humiex omoġeni; sabiex b'hekk tkompli tinkiseb ugwaljanza fir-riżultati.

**It-Tnejn 3 ta' Marzu 2014**